KUMMISSJONI TAL-KOMUNITAJIET EWROPEJ

Brussel 17.7.2008
KUMM(2008) 463 finali

2008/0145 (CNS)

Proposta għal

DEĊIŻJONI TAL-KUNSILL

dwar l-iffirmar u l-applikazzjoni provviżorja tal-Ftehim bejn il-Komunità Ewropea u l-Unjoni Ekonomika u Monetarja ta' l-Afrika tal-Punent dwar ċerti aspetti tas-servizzi ta' l-ajru

Proposta għal

DEĊIŻJONI TAL-KUNSILL

dwar il-konklużjoni tal-Ftehim bejn il-Komunità Ewropea u l-Unjoni Ekonomika u Monetarja ta' l-Afrika tal-Punent dwar ċerti aspetti tas-servizzi ta' l-ajru

(preżentati mill-Kummissjoni)

MEMORANDUM TA' SPJEGAZZJONI

1. Il-Kuntest tal-proposta

Ir-raġunijiet għall-proposta u l-għanijiet tagħha

B'segwitu għas-sentenzi tal-Qorti tal-Ġustizzja tal-Komunitajiet Ewropej fl-hekk imsejħa kawżi "Open Skies", fil-5 ta' Ġunju 2003, il-Kunsill ta mandat lill-Kummissjoni biex tiftaħ negozjati ma' terzi pajjiżi dwar il-bdil ta' ċerti dispożizzjonijiet fi ftehimiet eżistenti bi ftehim Komunitarju[1] (il-"mandat orizzontali"). L-għanijiet ta' ftehimiet ta' dan it-tip huma li jagħtu aċċess mhux diskriminatorju lit-trasportaturi kollha ta' l-ajru ta' l-UE għar-rotot ta' l-ajru bejn il-Komunità u pajjiżi terzi, u sabiex il-ftehimiet bilaterali dwar is-servizzi ta' l-ajru bejn l-Istati Membri u pajjiżi terzi jinġiebu f'konformità mal-leġiżlazzjoni Komunitarja.

- **Il-kuntest ġenerali**

S'issa r-relazzjonijiet fil-qasam ta' l-avjazzjoni internazzjonali bejn l-Istati Membri u pajjiżi terzi tradizzjonalment kienu rregolati permezz ta' ftehimiet bilaterali dwar is-servizzi ta' l-ajru, u permezz ta' l-Annessi tagħhom jew arranġamenti bilaterali u multilaterali oħrajn b'rabta ma' dan.

Il-klawżoli tradizzjonali ta' dežinjazzjoni fil-ftehimiet bilaterali dwar is-servizzi ta' l-ajru ta' l-Istati Membri jiksru l-liġi Komunitarja. Dawn jagħtu lok lill-pajjiż terz li jirrifjuta, jirtira jew jissospendi l-permessi jew l-awtorizzazzjonijiet ta' trasportatur ta' l-ajru li kien iddežinjat minn Stat Membru iżda li mhux proprjetà sostanzjali ta' dak l-Istat Membru u kkontrollat effettivament minnu jew miċ-ċittadini tiegħu. Instab li dan jikkostitwixxi diskriminazzjoni kontra t-trasportaturi ta' l-ajru tal-Komunità li, filwaqt li jkunu stabbiliti fit-territorju ta' Stat Membru, ikunu proprjetà ta' ċittadini ta' Stat Membru ieħor u kkontrollati minnhom. Dan imur kontra l-Artikolu 43 tat-Trattat li jiggarantixxi liċ-ċittadini ta' l-Istati Membri li jkunu eżerċitaw il-libertà ta' l-istabbiliment tagħhom l-istess trattament fl-Istat Membru li jkun qed jospitahom bħal dak mogħti liċ-ċittadini ta' dak l-Istat Membru.

F'dak li jikkonċerna punti oħra, bħal taxxa mħallsa għall-fjuwil ta' l-avjazzjoni, il-ħlas ta' tariffi użat mit-trasportaturi ta' l-ajru ta' pajjiżi terzi fuq rabtiet intrakomunitarji jew il-ftehimiet kummerċjali obbligatorji bejn il-linji ta' l-ajru fejn il-konformità mal-leġiżlazzjoni tal-Komunità għandha tkun żgurata billi jkunu emendati jew ikkomplementati d-dispożizzjonijiet eżistenti fi ftehimiet bilaterali dwar is-servizzi ta' l-ajru bejn l-Istati Membri u pajjiżi terzi.

- **Id-dispożizzjonijiet eżistenti fil-qasam tal-proposta**

Id-dispożizzjonijiet tal-Ftehim jieħdu post jew jikkomplementaw id-dispożizzjonijiet eżistenti fis-47 ftehim bilaterali dwar is-servizzi ta' l-ajru bejn l-Istati Membri u l-Istati Membri ta' l-Unjoni Ekonomika u Monetarja ta' l-Afrika tal-Punent.

[1] Id-Deċiżjoni tal-Kunsill Nru 11323/03 tal-5 ta' Ġunju 2003 (dokument ristrett).

- **Il-konsistenza mal-politiki u l-għanijiet l-oħra ta' l-Unjoni**

Il-Ftehim se jaqdi għan fundamentali tal-politika Komunitarja dwar l-avjazzjoni esterna billi jġib il-ftehimiet bilaterali eżistenti dwar is-servizzi ta' l-ajru konformi mal-leġiżlazzjoni Komunitarja.

2. Il-konsultazzjoni mal-partijiet interessati u l-valutazzjoni ta' l-impatt

- **Il-konsultazzjoni mal-partijiet interessati**

Metodi ta' konsultazzjoni, setturi ewlenin fil-mira u profil ġenerali ta' dawk li wieġbu

Sew l-Istati Membri kif ukoll l-industrija ġew ikkonsultati matul in-negozjati kollha.

Sommarju tat-tweġibiet u ta' kif dawn ġew ikkunsidrati

Il-kummenti li saru mill-Istati Membri u mill-industrija ġew ikkunsidrati.

3. L-elementi ġuridiċi tal-proposta

- **Sommarju ta' l-azzjoni proposta**

Skond il-mekkaniżmi u d-direttivi fl-Anness għall-"mandat orizzontali", il-Kummissjoni nnegozjat ftehim ma' l-Unjoni Ekonomika u Monetarja ta' l-Afrika tal-Punent li jissostitwixxi ċerti dispożizzjonijiet fil-ftehimiet bilaterali eżistenti dwar is-servizzi ta' l-ajru bejn l-Istati Membri u l-Istati Membri ta' l-Unjoni Ekonomika u Monetarja ta' l-Afrika tal-Punent. L-Artikolu 2 tal-Ftehim jieħu post il-klawżoli tradizzjonali ta' dežinjazzjoni bi klawżola ta' dežinjazzjoni Komunitarja, li tippermetti lit-trasportaturi kollha ta' l-ajru tal-Komunità li jibbenefikaw mid-dritt ta' l-istabbiliment. L-Artikoli 5 u 6 tal-Ftehim jibbażaw fuq żewġ tipi ta' klawżoli li jikkonċernaw kwistjonijiet ta' kompetenza Komunitarja. L-Artikolu 5 jikkonċerna t-tassazzjoni tal-fjuwil ta' l-avjazzjoni, li ġie armonizzat mid-Direttiva tal-Kunsill 2003/96/KE li tagħti struttura mill-ġdid lill-qafas Komunitarju ta' tassazzjoni tal-prodotti ta' l-enerġija u ta' l-elettriku, partikolarment l-Artikolu 14 (2) tagħha. L-Artikolu 6 (dwar it-tariffi) jirrisolvi l-kwistjonijiet bejn il-ftehimiet bilaterali eżistenti dwar is-servizzi ta' l-ajru u r-Regolament tal-Kunsill Nru 2409/92 dwar nolijiet u rati għal servizzi ta' l-ajru, li ma jippermettix lit-trasportaturi ta' pajjiżi terzi li joħolqu inizjattivi ta' tariffi għal rotot ta' l-ajru kompletament intrakomunitarji. L-Artikolu 7 jġib id-dispożizzjonijiet fi ftehimiet bilaterali li huma ċarament antikompetittivi (ftehimiet kummerċjali obbligatorji bejn il-linji ta' l-ajru) f'konformità mal-leġiżlazzjoni Komunitarja dwar il-kompetizzjoni.

- **Il-bażi ġuridika**

L-Artikolu 80 (2) u l-Artikolu 300 (2) tat-Trattat tal-KE.

- **Il-prinċipju tas-sussidjarjetá**

Il-proposta tissejjes kollha kemm hi fuq il-"mandat orizzontali" mogħti mill-Kunsill b'kunsiderazzjoni għall-kwistjonijiet koperti mil-leġiżlazzjoni Komunitarja u l-

ftehimiet bilaterali dwar is-servizzi ta' l-ajru.

- **Il-prinċipju tal-proporzjonalità**

Il-Ftehim se jemenda jew jikkomplementa d-dispożizzjonijiet fil-ftehimiet bilaterali dwar is-servizzi ta' l-ajru biss safejn dan ikun ta' ħtieġa ħalli tiġi żgurata l-konformità mal-leġiżlazzjoni Komunitarja.

- **L-għażla ta' l-istrumenti**

Il-Ftehim bejn il-Komunità u l-Unjoni Ekonomika u Monetarja ta' l-Afrika tal-Punent huwa l-aktar strument effiċjenti biex il-ftehimiet bilaterali eżistenti kollha dwar is-servizzi ta' l-ajru bejn l-Istati Membri u l-Istati Membri ta' l-Unjoni Ekonomika u Monetarja ta' l-Afrika tal-Punent jinġiebu f'konformità mal-leġiżlazzjoni Komunitarja.

4. Implikazzjonijiet għall-baġit

Din il-proposta ma għandha l-ebda implikazzjoni fuq il-baġit Komunitarju.

5. Tagħrif ieħor

- **Semplifikazzjoni**

Din il-proposta tipprovdi għas-semplifikazzjoni tal-leġiżlazzjoni.

Id-dispożizzjonijiet rilevanti tal-ftehimiet bilaterali dwar is-servizzi ta' l-ajru bejn l-Istati Membri u l-Istati Membri ta' l-Unjoni Ekonomika u Monetarja ta' l-Afrika tal-Punent se jiġu ssostitwiti jew ikkomplementati minn dispożizzjonijiet fi ftehim Komunitarju waħdieni.

- **Spjegazzjoni ddettaljata tal-proposta**

Skond il-proċedura standard għall-iffirmar u l-konklużjoni ta' ftehimiet internazzjonali, il-Kunsill qed jintalab japprova d-deċiżjonijiet dwar l-iffirmar, l-applikazzjoni provviżorja u l-konklużjoni tal-Ftehim bejn il-Komunitá Ewropea u l-Unjoni Ekonomika u Monetarja ta' l-Afrika tal-Punent dwar ċerti aspetti tas-servizzi ta' l-ajru u li jaħtru l-persuni awtorizzati li jiffirmaw il-ftehim f'isem il-Komunitá.

Proposta għal

DEĊIŻJONI TAL-KUNSILL

dwar l-iffirmar u l-applikazzjoni provviżorja tal-Ftehim bejn il-Komunità Ewropea u l-Unjoni Ekonomika u Monetarja ta' l-Afrika tal-Punent dwar ċerti aspetti tas-servizzi ta' l-ajru

IL-KUNSILL TA' L-UNJONI EWROPEA,

Wara li kkunsidra t-Trattat li jistabbilixxi l-Komunità Ewropea, u b'mod partikolari l-Artikolu 80(2), flimkien ma' l-ewwel sentenza ta' l-ewwel inċiż ta' l-Artikolu 300(2) tiegħu,

Wara li kkunsidra l-proposta tal-Kummissjoni [2],

Billi:

(1) Fil-5 ta' Ġunju 2003, il-Kunsill awtorizza lill-Kummissjoni biex tiftaħ in-negozjati ma' pajjiżi terzi dwar il-bdil ta' ċerti dispożizzjonijiet fi ftehimiet bilaterali eżistenti bi Ftehim Komunitarju.

(2) Il-Kummissjoni nnegozjat, f'isem il-Komunità, ftehim l-Unjoni Ekonomika u Monetarja ta' l-Afrika tal-Punent dwar ċerti aspetti tas-servizzi ta' l-ajru f'konformità mal-mekkaniżmi u d-Direttivi fl-Anness għad-Deċiżjoni tal-Kunsill li tawtorizza lill-Kummissjoni tiftaħ negozjati ma' pajjiżi terzi dwar il-bdil ta' ċerti dispożizzjonijiet fi ftehimiet bilaterali eżistenti bi Ftehim Komunitarju.

(3) Suġġett għall-konklużjoni possibbli tiegħu f'data aktar 'il quddiem, il-Ftehim innegozjat mill-Kummissjoni għandu jiġi ffirmat u applikat provviżorjament,

IDDEĊIEDA KIF ĠEJ:

Artikolu Waħdieni

1. Sakemm jiġi konklużż il-Ftehim f'data aktar 'il quddiem, il-President tal-Kunsill huwa awtorizzat li jaħtar lill-persuna/i awtorizzata/i li tiffirma/jiffirmaw, f'isem il-Komunitá, il-Ftehim bejn il-Komunitá Ewropea u l-Unjoni Ekonomika u Monetarja ta' l-Afrika tal-Punent dwar ċerti aspetti tas-servizzi ta' l-ajru.

2. Sakemm jidħol fis-seħħ, il-Ftehim japplika b'mod provviżorju mill-ewwel jum ta' l-ewwel xahar wara d-data li fiha l-partijiet innotifikaw lil xulxin bit-twettiq tal-

[2] ĠU C […] ta' […], p. […].

proċeduri neċessarji għal dan. Il-President tal-Kunsill huwa awtorizzat li jipproċedi għan-notifika prevista fl-Artikolu 10 (2) tal-Ftehim.

3. It-test tal-Ftehim huwa mehmuż ma' din id-Deċiżjoni.

Magħmul fi Brussell, nhar

Mill-Kunsill
Il-President

2008/0145 (CNS)

Proposta għal

DEĊIŻJONI TAL-KUNSILL

dwar il-konklużjoni tal-Ftehim bejn il-Komunità Ewropea u l-Unjoni Ekonomika u Monetarja ta' l-Afrika tal-Punent dwar ċerti aspetti tas-servizzi ta' l-ajru

IL-KUNSILL TA' L-UNJONI EWROPEA,

Wara li kkunsidra t-Trattat li jistabbilixxi l-Komunità Ewropea, u b'mod partikolari l-Artikolu 80(2), flimkien ma' l-ewwel sentenza ta' l-ewwel inċiż ta' l-Artikolu 300(2) u l-ewwel inċiż ta' l-Artikolu 300(3) tiegħu,

Wara li kkunsidra l-proposta tal-Kummissjoni[3],

Wara li kkunsidra l-opinjoni tal-Parlament Ewropew[4],

Billi:

(1) Fil-5 ta' Ġunju 2003, il-Kunsill awtorizza lill-Kummissjoni biex tiftaħ in-negozjati ma' pajjiżi terzi dwar il-bdil ta' ċerti dispożizzjonijiet fi ftehimiet bilaterali eżistenti bi Ftehim Komunitarju.

(2) Il-Kummissjoni nnegozjat, f'isem il-Komunità, Ftehim ma' l-Unjoni Ekonomika u Monetarja ta' l-Afrika tal-Punent dwar ċerti aspetti tas-servizzi ta' l-ajru f'konformità mal-mekkaniżmi u d-Direttivi fl-Anness għad-Deċiżjoni tal-Kunsill li tawtorizza lill-Kummissjoni tiftaħ negozjati ma' pajjiżi terzi dwar il-bdil ta' ċerti dispożizzjonijiet fi ftehimiet bilaterali eżistenti bi Ftehim Komunitarju.

(3) Il-Ftehim ġie ffirmat f'isem il-Komunità Ewropea nhar [...],suġġett għall-konklużjoni possibbli tiegħu f'data aktar 'il quddiem, f'konformità mad-Deċiżjoni tal-Kunsill .../.../KE ta' [...][5].

(4) Il-Ftehim għandu jkun approvat,

---

[3] ĠU C […] ta' […], p. […].
[4] ĠU C […] ta' […], p. […].
[5] ĠU C […] ta' […], p. […].

IDDEĊIEDA KIF ĠEJ:

Artikolu 1

1. Il-Ftehim bejn il-Komunità Ewropea u l-Unjoni Ekonomika u Monetarja ta’ l-Afrika tal-Punent dwar ċerti aspetti tas-servizzi ta' l-ajru huwa b'dan approvat f'isem il-Komunità.

2. It-test tal-Ftehim huwa mehmuż ma' din id-Deċiżjoni.

Artikolu 2

Il-President tal-Kunsill huwa b’dan awtorizzat li jinnomina l-persuna/i bis-setgħa li tagħmel/jagħmlu n-notifika pprovduta fl-Artikolu 10 (1) tal-Ftehim.

Magħmul fi Brussell, nhar

Għall-Kunsill
Il-President

ANNESS

FTEHIM
bejn il-Komunità Ewropea u l-Unjoni Ekonomika u Monetarja ta' l-Afrika tal-Punent
dwar ċerti aspetti tas-servizzi ta' l-ajru

IL-KOMUNITÀ EWROPEA

min-naħa, u

L-UNJONI EKONOMIKA U MONETARJA TA' L-AFRIKA TAL-PUNENT
min-naħa l-oħra

(minn hawn 'il quddiem 'il-Partijiet'),

FILWAQT LI JINNUTAW li ftehimiet bilaterali dwar servizzi ta' l-ajru li jinkludu dispożizzjonijiet fil-materja ta' deżinjazzjoni li mhux konformi mal-leġiżlazzjoni Komunitarja li ġew konklużi bejn (diversi) Stati Membri tal-Komunitá Ewropea u ta' l-Unjoni Ekonomika u Monetarja ta' l-Afrika tal-Punent, rispettivament, hekk kif innutat fid-Deċiżjonijiet tal-Qorti Ewropea tal-Ġustizzja tal-Komunitajiet Ewropej ta' Novembru 2002,

FILWAQT LI JINNUTAW li l-Komunità Ewropea għandha l-kompetenza esklussiva fir-rigward ta' bosta aspetti li jistgħu jiġu inklużi fi ftehimiet bilaterali dwar is-servizzi ta' l-ajru bejn l-Istati Membri tal-Komunità Ewropea u pajjiżi terzi,

FILWAQT LI JINNUTAW li, skond il-leġiżlazzjoni tal-Komunità Ewropea u tal-WAEMU, it-trasportaturi ta' l-ajru Komunitarji stabbiliti f'xi wieħed mill-Istati Membri għandhom id-dritt għal aċċess mhux diskriminatorju għar-rotot ta' l-ajru bejn l-Istati Membri tal-Komunità Ewropea u pajjiżi terzi,

FILWAQT LI JIKKUNSIDRAW il-ftehimiet bejn il-Komunità Ewropea u ċerti terzi pajjiżi li jipprovdu l-possibbiltà għaċ-ċittadini ta' dawn il-pajjiżi terzi li jiksbu dritt ta' sjieda fi trasportaturi ta' l-ajru mogħtija liċenzja f'konformità mal-leġiżlazzjoni tal-Komunità Ewropea,

FILWAQT LI JAGĦRFU li ċerti dispożizzjonijiet tal-ftehimiet bilaterali dwar is-servizzi ta' l-ajru bejn l-Istati Membri tal-Komunità Ewropea u ta' l-Unjoni Ekonomika u Monetarja ta' l-Afrika tal-Punent, rispettivament, li mhumiex konformi mal-liġi Komunitarja, iridu jinġiebu totalment konformi ma' din ta' l-aħħar b'mod li tista' tiġi stabbilita bażi ġuridika soda f'dak li jikkonċerna s-servizzi ta' l-ajru bejn il-Komunitá Ewropea u l-Unjoni Ekonomika u Monetarja ta' l-Afrika tal-Punent biex tinżamm il-kontinwità ta' dawn is-servizzi,

FILWAQT LI JINNUTAW li, skond il-leġiżlazzjoni tal-Komunità Ewropea u tal-WAEMU, it-trasportaturi ta' l-ajru fil-prinċipju ma jistgħux jikkonkludu ftehimiet li jistgħu jaffettwaw il-kummerċ bejn l-Istati Membri tal-Komunità Ewropea u tal-WAEMU, rispettivament, li jkollohom bħala l-għan jew l-effett tagħhom li jipprevjenu, jirrestrinġu jew jgħawġu l-kompetizzjoni,

FILWAQT LI JAGĦRFU li d-dispożizzjonijiet fil-ftehimiet bilaterali dwar is-servizzi ta' l-ajru konklużi bejn l-Istati Membri tal-Komunità Ewropea u ta' l-Unjoni Ekonomika u Monetarja ta' l-Afrika tal-Punent, rispettivament, li

i) jirrikjedu jew jiffavorixxu l-adozzjoni ta' ftehimiet bejn il-kumpaniji, deċiżjonijiet minn assoċjazzjonijiet ta' kumpaniji jew prattiki kkonċertati li jipprevjenu, jgħawġu jew jirrestrinġu l-kompetizzjoni bejn it-trasportaturi ta' l-ajru fuq ir-rotot rilevanti; jew

ii) isaħħu l-effetti ta’ kwalunkwe akkordju, deċiżjoni jew prattika kkonċertata ta' dan it-tip; jew

iii) jiddelegaw lit-trasportaturi ta' l-ajru jew lil operaturi ekonomiċi privati oħra r-responsabbiltà għat-teħid ta’ miżuri li jipprevjenu, jgħawġu jew jirrestrinġu l-kompetizzjoni bejn it-trasportaturi ta' l-ajru fuq ir-rotot rilevanti,

jistgħu jrendu mhux effettivi l-applikazzjoni tar-regoli tal-kompetizzjoni applikabbli għall-kumpaniji,

FILWAQT I JIKKUNSIDRAW li l-Partijiet m’għandhomx l-għan, fil-qafas ta’ dawn in-negozjati, li jżidu l-volum totali tat-traffiku ta’ l-ajru bejn il-Komunitá Ewropea u l-Unjoni Ekonomika u Monetarja ta’ l-Afrika tal-Punent, li jikkompromettu l-bilanċ bejn it-trasportaturi ta’ l-ajru tal-Komunitá Ewropea u t-trasportaturi ta’ l-ajru ta’ l-Unjoni Ekonomika u Monetarja ta’ l-Afrika tal-Punent jew li jinnegozjaw tibdil fid-dispożizzjonjeit tal-ftehimiet bilaterali dwar is-servizzi ta’ l-ajru f’dak li jikkonċerna d-drittijiet ta’ traffiku,

FILWAQT LI JINNUTAW li r-relazzjonijiet ta’ l-ajru ta’ l-Istati Membri tal-WAEMU ma’ dawk tal-Komunitá Ewropea jirrapreżentaw aktar minn 80%tar-rotot ta’ l-ajru intenazzjonali tagħhom, relazzjonijiet li tradizzjonalment huma mmexxija mill-ftehimiet ta’ l-ajru bilaterali,

FILWAQT LI JIKKUNSIDRAW id-Deċiżjoni Nru 08/2002/CM/WAEMU tas-27 ta’ Ġunju 2002 li twassal għall-adozzjoni tal-Programm Komuni tat-Trasport bl-Ajru ta’ l-Istati Membri tal-WAEMU,

FILWAQT LI JIKKUNSIDRAW id-Direttiva Nru 08/2006/CM/WAEMU tas-16 ta’ Diċembru 2006, li tagħti l-mandat lill-Kummissjoni tal-WAEMU, bl-assistenza tar-rappreżentanti ta’ l-Istati Membri tal-WAEMU, li tibda u tmexxi n-negozjati mal-Kummissjoni Ewropea bil-ħsieb ta’ l-introduzzjoni ta’ klawżola Komunitarja ta’ dežinjazzjoni fil-ftehimiet ta’ l-ajru bejn l-Istati Membri tal-Komunitá Ewropea u l-Istati Membri ta’ l-Unjoni Ekonomika u Monetarja ta’ l-Afrika tal-Punent,

FILWAQT LI JINNUTAW il-proposta magħmula mill-Kummissjoni Ewropea li tuża l-opportunitá li toffrilha l-leġiżlazzjoni Ewropea u d-dispożizzjonijiet tat-Trattat ta’ l-Unjoni Ekonomika u Monetarja ta’ l-Afrika tal-Punent biex jinbdew in-negozjati għal kull blokk dwar l-introduzzjoni ta’ klawżola Komunitarja ta’ dežinjazzjoni fil-ftehimiet ta’ l-ajru ffirmati bejn l-Istati Membri ta’ l-Unjoni Ekonomika u Monetarja ta’ l-Afrika tal-Punent u dawk tal-Komunitá Ewropea;

FTEHMU KIF ĠEJ:

ARTIKOLU 1
Id-Dispożizzjonijiet Ġenerali

1. Għall-finijiet ta’ dan il-Ftehim, it-termini u l-espressjonijiet li ġejjin ifissru kif ġej:

i. WAEMU: l-Unjoni Ekonomika u Monetarja ta’ l-Afrika tal-Punent,

ii. KE: Il-Komunitá Ewropea

2. Għall-finijiet ta’ dan il-Ftehim, bi “Stati Membri KE” wieħed jifhem l-Istati Membri tal-Komunitá Ewropea, u bi “Stati Membri WAEMU” l-Istati Membri ta’ l-Unjoni Ekonomika u Monetarja ta’ l-Afrika tal-Punent, rispettivament.

3. Ir-referenzi f'kull ftehim bilaterali elenkat fl-Anness 1 ta’ dan il-Ftehim għaċ-ċittadini ta' l-Istat Membru KE u għaċ-ċittadini ta’ l-Istat Membru WAEMU għandhom jinftehmu, rispettivament, bħala referenzi għaċ-ċittadini ta' l-Istati Membri KE jew ta’ l-Istati Membri WAEMU.

4. Ir-referenzi f'kull ftehim bilterali elenkat fl-Anness 1 ta’ dan il-Ftehim għat-trasportaturi ta' l-ajru jew għal-linji ta' l-ajru ta' l-Istat Membru KE jew ta’ l-Istat Membru WAEMU li huma parti f’dan il-ftehim għandhom jinftehmu bħala referenzi għat-trasportaturi jew għal-linji ta' l-ajru ddeżinjati minn dawn l-Istati.

ARTIKOLU 2
Id-deżinjażżjoni u l-awtorizzazzjoni

1. Id-dispożizzjonijiet fil-paragrafu 2 ta' dan l-Artikolu għandhom jieħdu post id-dispożizzjonijiet li jikkorrispondu magħhom fl-artikoli elenkati fl-Anness 2(a), f’dak li għandu x'jaqsam mad-deżinjazzjoni tat-trasportaturi ta' l-ajru, l-awtorizzazzjonijiet u l-permessi lilhom mogħtija.

2. Mal-wasla ta' deżinjazzjoni minn Stat Membru ta’ waħda mill-Partijiet, l-Istat tal-Parti l-oħra għandu joħroġ l-awtorizzazzjonijiet u l-permessi adegwati bl-anqas dewmien proċedurali, bil-kundizzjoni li:

   (a) Fil-każ ta’ trasportatur ta’ l-ajru deżinjat minn Stat Membru KE:

      i. it-trasportatur ta' l-ajru jkun stabbilit fit-territorju ta' l-Istat Membru KE li jkun qed jiddeżinjah skond it-Trattat li jistabbilixxi l-Komunità Ewropea u għandu Liċenzja Operattiva valida f'konformità mal-leġiżlazzjoni tal-Komunità Ewropea; u li

      ii. ikun eżerċitat u miżmum kontroll regolatorju effettiv tat-trasportatur ta' l-ajru mill-Istat Membru KE responsabbli għall-ħruġ taċ-Ċertifikat Operattiv ta' l-Ajru tiegħu u l-awtorità ajrunawtika rilevanti tkun identifikata biċ-ċar fid-deżinjazzjoni.

   (b) Fil-każ ta’ trasportatur ta’ l-ajru deżinjat minn Stat Membru tal-WAEMU:

      i. it-trasportatur ta' l-ajru jkun stabbilit fit-territorju ta' l-Istat Membru tal-WAEMU li jkun qed jiddeżinjah u l ijkollu ftehim validu, skond il-leġiżlazzjoni tal-WAEMU; u li

      ii. ikun eżerċitat u miżmum kontroll regolatorju effettiv tat-trasportatur ta' l-ajru mill-Istat Membru tal-WAEMU responsabbli għall-ħruġ tal-permess tiegħu għall-użu tar-rotot ta’ l-ajru skond l-Annessi 1, 6 u 8 tal-Ftehim ta’ Chicago, u l-awtorità ajrunawtika rilevanti tkun identifikata biċ-ċar fid-deżinjazzjoni; u li

      iii. Jew:

a. it-trasportatur ta' l-ajru jkun il-proprjetà u effettivament ikkontrollat, direttament jew permezz ta’ sehem azzjonarju maġġoritarju, mill-Istati Membri tal-WAEMU u/jew miċ-ċittadini ta' l-Istati Membri tal-WAEMU, jew minn Stati Afrikani oħra u/jew miċ-ċittadini ta' dawn l-Istati Afrikani l-oħra, jew

b. is-servizzi li juża t-trasportatur ta’ l-ajru ċċertifikat skond il-leġiżlazzjoni Komunitarja tal-WAEMU għandhom fil-maġġor parti bħala punt ta’ tluq u ta’ wasla ajruport jew ajruporti ta’ Stat Membru tal-WAEMU u l-persunal tekniku tal-ħidma u tal-ġestjoni huwa magħmul fil-parti l-kbira minn ċittadini ta’ l-Istati Membri tal-WAEMU, jekk l-Istat Membru KE kkonċernat jikkonferma l-applikazzjoni tad-dispożizzjonijeit ta’ dan is-sottoparagrafu b.

ARTIKOLU 3

Ir-rifjut, ir-revoka, is-sospensjoni jew il-limitazzjoni

1. Id-dispożizzjonijiet tal-paragrafu 2 ta' dan l-Artikolu għandhom jieħdu post id-dispożizzjonijiet li jikkorrispondu magħhom fl-artikoli elenkati fl-Anness 2(b) f'dak li għandu x'jaqsam mar-rifjut, ir-revoka, is-sospensjoni jew il-limitazzjoni ta' l-awtorizzazzjonijiet jew tal-permessi tat-trasportaturi ta' l-ajru.

2. Kull Stat Membru kkonċernat jista’ jirrifjuta, jirrevoka, jissospendi jew jillimita l-awtorizzazzjonijiet jew il-permessi ta’ trasportatur ta’ l-ajru ddeżinjat minn Stat Membru tal-Parti l-oħra meta tkun sodisfatta waħda mill-kundizzjonjiet li ġejjin:

(a) Fil-każ ta’ trasportatur ta’ l-ajru ddeżinjat minn Stat Membru tal-KE:

i. it-trasportatur ta’ l-ajru mhux stabbilit skond it-Trattat li jwaqqaf il-Komunità Ewropea fuq it-territorju ta’ l-Istat Membru KE li jagħmel id-deżinjazzjoni, jew m’għandux liċenzja ta’ użu valida skond il-leġiżlazzjoni tal-Komunità Ewropea; jew

ii. il-kontroll regolamentari effettiv tat-trasportatur ta’ l-ajru mhux eżerċitat jew assigurat mill-Istat Membru KE responsabbli mill-għotja taċ-ċertifikat tiegħu bħala trasportatur ta’ l-ajru jew li l-awtorità ajrunawtika kompetenti mhix identifikata b’mod ċar fid-deżinjazzjoni.

(b) Fil-każ ta’ trasportatur ta’ l-ajru ddeżinjat minn Stat Membru tal-WAEMU:

i. it-trasportatur ta’ l-ajru mhux stabbilit fuq it-territorju ta’ l-Istat Membru tal-WAEMU li għamel id-deżinjazzjoni jew m’għandux ftehim validu, skond il-leġiżlazzjoni tal-WAEMU; jew

ii. kontroll regolamentari effettiv tat-trasportatur ta’ l-ajru mhux eżerċitat jew assigurat mill-Istat Membru tal-WAEMU responsabbli mill-għotja tal-permess tiegħu ta’ l-użu ta’ l-ajru skond l-Annessi 1, 6 u 8 tal-Ftehim ta’ Chicago, jew li l-awtorità ajrunawtika kompetenti mhix identifikata b’mod ċar fid-deżinjazzjoni; jew

iii. Sakemm:

a. it-trasportatur ta’ l-ajru ma jkunx il-propjetá ta’ u ma jkunx effettivament ikkontrollat, direttament jew permezz ta’ sehem azzjonarju maġġoritarju mill-Istati Membri tal-WAEMU u/jew iċ-ċittadini ta’ l-Istati Membri tal-WAEMU, jew minn Stati Afrikani oħra u/jew iċ-ċittadini ta’ dawn l-Istati Afrikani l-oħra, jew

b. is-servizzi li juża t-trasportatur ta’ l-ajru ċċertifikat skond il-leġiżlazzjoni komunitarja tal-WAEMU m’għandhomx fil-parti l-kbira bħala punt tat-tluw u tal-wasla wieħed jew aktar mill-ajruporti ta’ Stat Membru tal-WAEMU, jew il-persunal tekniku ta’ l-operazzjoni u tal-ġestjoni tiegħu mhux magħmul fil-parti l-kbira minn ċittadini ta’ l-Istati Membri tal-WAEMU.

3, Meta Stat Membru kkonċernat jeżerċita d-drittijiet tiegħu skond dan l-Artikolu, m’għandu jagħmel l-ebda diskriminazzjoni bbażata fuq in-nazzjonalitá bejn it-trasportaturi ta’ l-ajru tal-Parti l-oħra.

ARTIKOLU 4
Drittijiet rigward il-kontroll regolamentari effettiv

1. Id-dispożizzjonijiet tal-paragrafi 2 u 3 ta’ dan l-Artikolu jikkomplementaw l-Artikoli elenkati fl-Anness 2(c) ta’ dan il-Ftheim.

2. Fejn Stat Membru KE jkun iddeżinja trasportatur ta' l-ajru li l-kontroll regolatorju fuqu huwa eżerċitat u miżmum minn Stat Membru KE ieħor, id-drittijiet ta’ l-Istat Membru WAEMU konċernat fil-qafas tad-dispożizzjonijiet tas-sikurezza tal-ftehim bejn l-Istat Membru KE li ddeżinja t-trasportatur ta' l-ajru u l-Istat Membru WAEMU għandhom japplikaw b'mod ugwali fir-rigward ta' l-adozzjoni, l-eżerċizzju jew iż-żamma ta' l-istandards tas-sikurezza mill-Istat Membru KE l-ieħor u fir-rigward ta' l-awtorizzazzjoni għall-operat ta' dak it-trasportatur ta' l-ajru.

3. Fejn Stat Membru WAEMU jkun iddeżinja trasportatur ta' l-ajru li l-kontroll regolatorju fuqu huwa eżerċitat u miżmum minn Stat Membru WAEMU ieħor, id-drittijiet ta’ l-Istat Membru KE konċernat fil-qafas tad-dispożizzjonijiet tas-sikurezza tal-ftehim bejn l-Istat Membru WAEMU li ddeżinja t-trasportatur ta' l-ajru u l-Istat Membru KE għandhom japplikaw b'mod ugwali fir-rigward ta' l-adozzjoni, l-eżerċizzju jew iż-żamma ta' l-istandards tas-sikurezza mill-Istat Membru WAEMU l-ieħor u fir-rigward ta' l-awtorizzazzjoni għall-operat ta' dak it-trasportatur ta' l-ajru.

4. Għall-finijiet ta’ dan il-Ftehim, il-Partijiet jaqblu li l-kontroll regolamentari effettiv jimplika ta’ l-anqas li l-Istat Membru li jkun ħareġ il-liċenzja għall-operat jew il-ftehim jassigura kontinwament u effettivament il-programmi ta’ sorveljanza tas-sikurezza u tas-sigurtá ta’ l-ajru li japplikaw, ta’ l-anqas, ta’ l-istandards ta’ l-ICAO, u tal-konformitá tat-trasportatur ta’ l-ajru mal-kriterji stabbiliti mill-awtoritajiet kompetenti biex joperaw servizzi ta’ l-ajru intrnazzjonali.

ARTIKOLU 5
Tassazzjoni tal-fjuwil ta' l-avjazzjoni

1. Id-dispożizzjonijiet tal-paragrafi 2 u 3 ta' dan l-Artikolu jikkomplementaw id-dispożizzjonijiet pertinenti ta' l-Artikoli elenkati fl-Anness 2 (d).

2. Minkejja kull dispożizzjoni oħra għall-kuntrarju, xejn f'kull wieħed mill-ftehimiet bilaterali elenkati fl-Anness 2(d) ma għandu jtellef lil Stat Membru KE milli jimponi imposti, dazji, taxxi jew tariffi fuq il-fjuwil ipprovdut fuq it-territorju tiegħu li ser jintuża minn tagħmir ta' trasportatur ddeżinjat minn Stat Membru WAEMU li juża rabta bejn punt li jinstab fit-territorju ta' dan l-Istat Membru KE u punt ieħor li jinstab fuq it-territorju ta' dan l-Istat Membru KE jew fit-territorju ta' Stat Membru ieħor tal-Komunitá Ewropea.

3. Minkejja kull dispożizzjoni oħra għall-kuntrarju, xejn f'kull wieħed mill-ftehimiet bilaterali elenkati fl-Anness 2(d) ma għandu jtellef lil Stat Membru WAEMU milli jimponi imposti, dazji, taxxi jew tariffi fuq il-fjuwil ipprovdut fuq it-territorju tiegħu li ser jintuża minn tagħmir ta' trasportatur ddeżinjat minn Stat Membru KE li juża rabta bejn punt li jinstab fit-territorju ta' dan l-Istat Membru WAEMU u punt ieħor li jinstab fuq it-territorju ta' dan l-Istat Membru WAEMU jew fit-territorju ta' Stat Membru ieħor ta' l-Unjoni Ekonomika u Monetarja ta' l-Afrika tal-Punent.

4. Jekk jiġi żviluppat abbozz għall-introduzzjoni ta' tassazzjoni tal-fjuwil skon dan l-Artikolu, il-Partijiet jaqblu li jiltaqgħu fl-aqsar żmien possibbli biex jiddiskutu din il-kwistjoni.

ARTIKOLU 6
Tariffi għat-trasport

1. Id-dispożizzjonijiet tal-paragrafi 2 u 3 ta' dan l-Artikolu jikkomplementaw l-Artikoli elenkati fl-Anness 2 (e) ta' dan il-Ftehim.

2. It-tariffi pprattikati minn wieħed jew aktar mit-trasportaturi ta' l-ajru ddeżinjati minn Stat Membru WAEMU fil-qafas ta' wieħed mill-ftehimiet bilaterali elenkati fl-Anness 1 ta' dan il-Ftehim li fih dispożizzjoni elenkata fl-Anness 2 (e), għat-trasporti mwettqa kompletament fil-Komunitá Ewropea huma suġġetti għal-leġiżlazzjoni Komunitarja. Il-leġiżlazzjoni tal-Komunitá Ewropea tapplika b'mod mhux diskriminatorju.

3. It-tariffi pprattikati minn wieħed jew aktar mit-trasportaturi ta' l-ajru ddeżinjati minn Stat Membru KE fil-qafas ta' wieħed mill-ftehimiet bilaterali elenkati fl-Anness 1 ta' dan il-Ftehim li fih dispożizzjoni elenkata fl-Anness 2 (e), għat-trasporti mwettqa kompletament fl-Unjoni Ekonomika u Monetarja ta' l-Afrika tal-Punent huma suġġetti għal-leġiżlazzjoni tal-WAEMU li tapplika b'mod mhux diskriminatorju.

ARTIKOLU 7
Il-kompatibilitá mar-regoli tal-kompetizzjoni

1. Minkejja kull dispożizzjoni oħra għall-kuntrarju, xejn f'kull wieħed mill-ftehimiet bilaterali elenkati fl-Anness 1 ta' dan il-Ftehim ma għandu (i) jiffavorixxi l-adozzjoni ta'

ftehimiet bejn impriżi, deċiżjonijiet minn assoċjazzjonijiet ta' impriżi jew prattiki kkonċertati li jipprevjenu, jgħawġu jew jirrestringu l-kompetizzjoni; (ii) isaħħaħ l-effetti ta' kwalunkwe akkordju, deċiżjoni jew prattika kkonċertata ta' dan it-tip; jew (iii) jiddelega lill-operaturi ekonomiċi privati r-responsabbiltà għat-teħid ta' miżuri li jipprevjenu, jgħawġu jew jirrestringu l-kompetizzjoni.

2. Id-dispożizzjonijiet fil-ftehimiet bilaterali elenkati fl-Anness 1 ta' dan il-Ftehim li mhumiex kompatibbli mal-paragrafu 1 ta' dan l-Artikolu ma għandhomx jiġu applikati.

ARTIKOLU 8
Annessi għal dan il-Ftehim

L-Annessi għal dan il-Ftehim għandhom jiffurmaw parti integrali minnu.

ARTIKOLU 9
Emendi

1. Kull waħda mill-partijiet tista' fi kwalunkwe ħin, titlob konsulti mal-parti l-oħra għall-finijiet ta' emendi għal dan il-ftehim. Dawn il-konsultazzjonijiet għandhom jibdew fi żmien sittin (60) ġurnata li jibdew jgħoddu mill-ġurnata li fih tiġi rċevuta t-talba.

2. L-emendi eventwali li jseħħu b'dan il-mod għandhom jidħlu fis-seħħ fid-data li fiha l-partijiet ikunu nnotifikaw lil xulxin bil-miktub dwar it-twettiq tal-proċeduri interni neċessarji għal dan.

ARTIKOLU 10
Id-dħul fis-seħħ u l-applikazzjoni provviżorja

1. Dan il-Ftehim jidħol fis-seħħ fid-data ta' l-irċevuta ta' l-aħħar miż-żewġ notifiki li bihom il-partijiet jinfurmaw lil xulxin bil-miktub dwar it-twettiq tal-proċeduri interni rispettivi meħtieġa għal dan.

2. Minkejja l-paragrafu 1, il-Partijiet jaqblu li japplikaw dan il-Ftehim provviżorjament mill-ewwel jum tax-xahar wara d-data li fiha l-Partijiet ikunu nnotifikaw lil xulxin dwar it-twettiq tal-proċeduri kollha meħtieġa għal dan.

3. Il-ftehimiet bilaterali u l-arranġamenti oħra bejn l-Istati Membri tal-Komunitá Ewropea u dawk ta' l-Unjoni Ekonomika u Monetarja ta' l-Afrika tal-Punent li, fid-data ta' l-iffirmar ta' dan il-Ftehim, ikunu għadhom ma daħlux fis-seħħ u li jkun għadhom mhux qed jiġu applikati provviżorjament huma elenkati fl-Anness 1(b). Dan il-Ftehim għandu japplika għat-tali Ftehimiet bilaterali u l-arranġamenti kollha mad-dħul fis-seħħ jew ma' l-applikazzjoni provviżorja tagħhom.

ARTIKOLU 11
It-terminazzjoni

1. Fil-każ li ftehim elenkat fl-Anness 1 jiġi tterminat, id-dispożizzjonijiet kollha ta' dan il-Ftehim li għandhom x'jaqsmu mal-ftehim ikkonċernat elenkat fl-Anness 1 għandhom jiġu tterminati fl-istess ħin.

2. Fil-każ li l-ftehimiet bilaterali kollha elenkati fl-Anness 1 jiġu tterminati, dan il-Ftehim għandu jiġi tterminat fl-istess ħin.

B'XHIEDA TA' DAN, il-firmatarji, awtorizzati kif jixraq, iffirmaw dan il-Ftehim.

Magħmul fi [...] f'żewġ kopji, illum il-[...] jum ta' [..., ...] bil-lingwa Bulgara, Ċeka, Daniża, Estonjana, Finlandiża, Franċiża, Ġermaniża, Griega, Ingliża, Latvjana, Litwana, Maltija, Olandiża, Pollakka, Portugiża, Rumena, Slovakka, Slovena, Spanjola, Taljana, Ungeriża, Żvediża.

GĦALL-KOMUNITÁ EWROPEA:	GĦALL-UNJONI EKONOMIKA U MONETARJA TA' L-AFRIKA TAL-PUNENT:

Annessi

BENIN

Anness 1

Lista tal-ftehimiet stipulati fl-Artikolu 1 ta' dan il-Ftehim

(a) Ftehimiet bilaterali, rigward is-servizzi ta' l-ajru bejn ir-Repubblika Popolari ta' Benin u l-Istati Membri tal-Komunitá Ewropea, li, fid-data ta' l-iffirmar ta' dan il-ftehim, kienu ġew konklużi, iffirmati u/jew qed jiġu applikati b'mod provviżorju.

- Ftehim bejn ir-**Renju tal-Belġju u r-Repubblika ta' Dahomey** rigward it-trasport bl-ajru, iffirmat fi Brussall fil-15 ta' Frar 1971, minn issa 'l quddiem imsejjaħ "Ftehim Benin-Belġju" fl-Anness 2,

- Ftehim bejn il-**Gvern tar-Repubblika Popolari tal-Bulgarija u l-Gvern tar-Repubblika Popolari tal-Benin** rigward it-trasport bl-ajru, iffirmat f'Sofia fis-16 ta' Settembru 1982, minn issa 'l quddiem imsejjaħ "Ftehim Benin-Bulgarija" fl-Anness 2,

- Ftehim bejn ir-**Repubblika Franċiża u r-Repubblika ta' Dahomey** rigward it-trasport bl-ajru, rigward it-trasport bl-ajru, iffirmat f'Pariġi fid-9 ta; Diċembru 1963, minn issa 'l quddiem imsejjaħ "Ftehim Benin-Franza" fl-Anness 2,

- Ftehim bejn il-**Gvern tar-Repubblika Popolari tal-Polonja u l-Gvern tar-Repubblika Popolari tal-Benin** rigward it-trasport bl-ajru, iffirmat f'Cotonou fit-13 ta' Mejju 1988, minn issa 'l quddiem imsejjaħ "Ftehim Benin-Polonja" fl-Anness 2,

- Ftehim bejn il-**Gvern tar-Renju Unit tal-Gran Brettanja u ta' l-Irlanda ta' Fuq u l-Gvern tar-Repubblika Popolari tal-Benin,** iffirmat f'Londra fis-16 ta' Settembru 1999, minn issa 'l quddiem imsejjaħ "Ftehim Benin-Renju Unit" fl-Anness 2,

(b) Ftehimiet relattivi għas-servizzi ta' l-ajru u arranġamenti oħra inizjalati jew iffirmati bejn ir-Repubblika Popolari tal-Benin u l-Istati Membri tal-Komunitá Ewropea li, fid-data ta' l-iffirmar ta' dan il-Ftehim, kienu għadhom ma daħlux fis-seħħ u mhux qed jiġu applikati b'mod provviżorju

Anness 2

Lista ta' l-Artikoli tal-ftehimiet elenkati fl-Anness 1 u li hemm referenza għalihom fl-Artikoli 2 sa 6 ta' dan il-Ftehim

(a) Id-dežinjazzjoni minn Stat Membru

- L-Artikolu 10 tal-Ftehim Benin-Belġju;
- L-Artikolu 3 tal-Ftehim Benin-Bulgarija
- L-Artikolu 13 tal-Ftehim Benin-Franza
- L-Artikolu 9 tal-Ftehim Benin-Polonja
- L-Artikolu 4 tal-Ftehim Benin-Renju Unit

